MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1720/2001/1

**Avviz numru: 1720/01AE**

**Jankovic Grucija**

**Vs**

**Marco Grixti u b'digriet tal-11 ta' Frar 2002, gie kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm225.68), valur ta' cekk li l-konvenut abbuzivament iddepozita fil-kont tieghu/sarraf dan ic-cekk mal-Bank of Valletta plc fil-fergha ta' Birzebbugia, minghajr ma kien awtorizzat mill-attur biex jaghmel dan.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ddikjara li qieghed jikkontesta l-kawza, *"ghaliex ic-cekk gabuli persuna li minghalija kien l-istess li kellu ismu fuqu u sarraftu regolarment mill-fergha tal-HSBC Bank permezz tal-Bank of Valletta fejn jien ghandi l-kont tieghi. Ghalhekk nitlob li jigi kjamat fil-kawza l-HSBC Bank (Malta) plc"* (fol. 7).

Ra d-digriet moghti mit-Tribunal fil-11 ta' Frar 2002 li bih ordna li jissejjah fil-kawza l-HSBC Bank Malta plc.

Ra r-risposta tal-HSBC Bank Malta plc (fol. 19) li permezz taghha kkontestat il-kawza u ddikjara li huwa hallas lill-possessur tac-cekk li kien jidher li hu debitament girat u ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kodici tal-Kummerc il-bank ma kellux obbligu li jivverifika l-genwinita u l-awtenticita tal-giri.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattattazzjoni.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-fatt tal-kaz huma s-segwenti:

(a) L-attur kien impjegat mal-kumpannija Mekkanika Ltd.

(b) Fis-7 ta' Settembru 2001, Mekkanika Ltd (*drawer*) harget favur l-attur (*payee*) cekk fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm225.68) [fol. 3].

(c) Il-konvenut regolarment isarraf ic-cekkijiet tan-nies u ghal kull cekk jinghata *commission* ta' Lm0.50.

(d) Ic-cekk in kwistjoni gie fil-pussess tal-konvenut bil-firma fuq il-parti ta' wara, u dan sarrfu fil-11 ta'

Settembru 2001. Il-konvenut stess ma jafx kif dan ic-cekk gie fil-pussess tieghu.

(e) L-attur irejalizza li c-cekk ma kienx ghandu, gimgha wara li nghata c-cekk. Min-naha tieghu ghamel rapport mal-principal tieghu. Xahar wara ghamel rapport mal-pulizija u identifika xi nies li setghu hadulu c-cekk bil-mohbi tieghu.

(f) Il-firma li hemm fuq il-parti ta' wara tac-cekk m'hijiex ta' l-attur.

2. Fir-rigward tal-bank imsejjah fil-kawza, jinghad li skond l-Artikolu 184 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta):
*"The payer of a bill is not bound to verify the genuiness of the endorsements"*.

Issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs White noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' Jannar 1900 (Vol. XVII.iii.56), u fejn il-Qorti kkonfermat li: *"colui il quale paga la cambiale o il titolo negoziabile non e' tenuto ad esaminare l'autenticita' delle gire"*. Il-Qorti kompliet tosserva: *"ne segue ancora, come si esprime la legge inglese, che il banchiere sopra cui un titolo e' tratto, se la paga in buona fede nel corso ordinario degli affari lo paga validamente, sebbene la gira sia falsa"*. Fil-fehma tat-Tribunal m'hemm l-ebda cirkostanza li b'xi mod tindika li l-bank imsejjah fil-kawza kien jew kellu suspett fondat li l-gira li saret fuq ic-cekk kienet wahda falza. Inoltre, fil-kawza fl-ismijiet **Antonio Deguara vs Walter George Wicker noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-3 ta' Mejju 1955, il-Qorti ddikjarat li *"f'kawza li ssir biex jigi dikjarat illi firma u l-gira li hemm fuq draft li gie msarraf minn Bank, huma foloz, il-Bank ma ghandux interes li jkun prezenti"* u *"b'ligi espressa, dak li jhallas draft mhux obbligat jivverifika l-awtenticita tal-giri"*. Ghalhekk it-talba ma tistax tregi fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc. Dan apparti l-fatt li jirrizulta li c-cekk kien gie pprezentat fil-Bank of Valletta plc.

3. Ghal dak li jirrigwarda l-konvenut l-iehor, jibda biex jinghad li l-gurisprudenza lokali rrikonoxxiet li l-ligi tal-kambjali hija wkoll applikabbli ghal cheques. L-awtur Giuseppe Ferri (*Manuale di Diritto Commerciale*) isostni: *"l'assegno bancario e' sottoposto allo stesso regime della cambiale tratta per quanto riguarda la validita' delle sottoscrizioni, la responsabilita del traente e dei giranti, l'avallo, la circolazione, il pagamento, le azioni che spettano al possessore, I duplicati e l'ammortamento"* (ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Marlene Vella et vs Avukat Dottor Antoine Gambin et** [Citaz. Nru: 3424/96] deciza fis-26 ta' April 2001).

4. Skond l-Artikolut 139 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13):

*"Il-gira tista' ssir billi jitnizzlu fiha l-isem ta' dak li lilu, jew li ghall-ordni tieghu, ghandu jsir il-hlas, id-data tal-gira, u partikularitajiet ohra; tista' ssir ukoll in bjank, bil-firma biss tal-girant"*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Terreni vs Mirabita et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 1863 [Vol. II.i.313] inghad: *"non trasferisce la proprieta d'una cambiale la sola consegna del titolo ma si richiede almeno una gira in bianco".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Corlett vs Vella** (Vol. VIII.iii.217) inghad: *"la gira di una cambiale sebbene in bianco, non costituisce il possessore mandatario del traente per esigere, ma ne lo rende proprietario"*. L-attur xehed li l-firma li hemm fuq il-parti ta' wara tac-cekk m'hijiex tieghu. Il-konvenut fl-ebda stadju tal-proceduri ma kkontesta dan il-fatt. Il-propjeta tghaddi permezz tal-gira [Artikolu 136 tal-Kodici tal-Kummerc]. Gialadarba jirrizulta li l-firma m'hijiex dik ta' l-attur, allura l-propjeta ma setatx tghaddi favur il-konvenut li ma kellu l-ebda jedd li jipprezenta c-cekk ghall-hlas. Kien fl-interess tal-konvenut li jassigura ruhu li l-gira ssir mill-attur. Kif tajjeb josserva l-Professur Micallef, *"it is to be observed that in order to produce the above effects [fosthom it-trasferiment tal-propjeta] the endorsement must be a regular one, and therefore the endorser must be the last regular holder of*

*the bill. The endorsee has a duty to check "the chain of endorsements", to make sure that the rights of the party endorsing the bill to him was properly transferred to him…. This is an extremely important duty upon every endorsee"* (*Law of Bills of Exchange, Notes and Cheques*, pagna 141). Mill-provi rrizulta wkoll (u dan anke fuq ammissjoni stess tal-konvenut) li huwa ma kienx f'posizzjoni li jidentifika l-persuna li tatu c-cekk in kwistjoni. Fil-fatt irrizulta li fuq bazi regolari l-konvenut isarraf ic-cekkijiet tan-nies u jiehu kummissjoni ta' Lm0.50 fuq kull cekk. Minghajr ma t-Tribunal joqghod jidhol fil-kwistjoni jekk dan it-tip ta' negozju huwiex legali, ma jistax ma josservax li bl-agir tieghu stess il-konvenut qieghed jesponi ruhu ghal dawn it-tip ta' incidenti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm225.68), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

Salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li l-konvenut jista' jkollu fil-konfront ta' terzi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**